10.11.2010 0089/2010

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-treġġigħ lura tar-reċiproċità fis-sistema tal-viżi – solidarjetà mal-istatus inugwali taċ-ċittadini Ċeki wara l-introduzzjoni unilaterali ta' viżi mill-Kanada

**Zuzana Roithová, Alexander Alvaro, Stavros Lambrinidis, Miroslav Ouzký, Manfred Weber**

Data ta' skadenza: 17.2.2011

**0089/2010**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-treġġigħ lura tar-reċiproċità fis-sistema tal-viżi – solidarjetà mal-istatus inugwali taċ-ċittadini Ċeki wara l-introduzzjoni unilaterali ta' viżi mill-Kanada**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi, f'Ġunju 2009, il-Kanada, b'mod unilaterali, imponiet rekwiżit għal viża għaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka, li għaldaqstant l-istatus tagħhom issa hu inugwali għal dak taċ-ċittadini oħra fl-UE u billi l-Kanada, minkejja talbiet ripetuti biex tagħmel dan, għadha ma tatx data meta se tħassar dan ir-rekwiżit għal viża,

B. billi dewmien ulterjuri fit-terminazzjoni tal-istatus inugwali taċ-ċittadini Ċeki jista' jhedded ir-ratifikazzjoni fil-ġejjin tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-UE u l-Kanada,

C. billi r-Repubblika Ċeka ma tistax tintroduċi b'mod awtonomu rekwiżi għal viża għaċ-ċittadini Kanadiżi,

D. billi l-Kummissjoni u l-Kunsill mhumiex qed jaġixxi b'biżżejjed saħħa f'din il-kwestjoni,

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżidu l-pressjoni politika fuq il-Kanada sabiex tistabbilixxi l-aktar data kmieni possibbli għat-tħassir tas-sistema tal-viżi għaċ-ċittadini Ċeki, kif ukoll għat-tmiem ta' ksur ieħor ta' reċiproċità tal-viżi fir-rigward taċ-ċittadini tal-Bulgarija u r-Rumanija;

2. Jenfasizza li, sakemm ma jissolviex dalwaqt dan il-ksur ta' reċiproċità, hu probbabli li jsegwu miżuri ritaljatorji ekwivalenti mill-UE;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi, minflok arranġament bilaterali, mekkaniżmu ġdid li jiggarantixxi reċiproċità sħiħa tal-viżi għall-Istati Membri kollha, waqt li tiżgura li jekk pajjiż mhux tal-UE jikser dik ir-reċiproċità tal-viżi, l-Istati Membri kollha jreġġgħu lura minnufih ir-rekwiżit għal viża għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.